MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1574/2004

**Jimcam Enterprises Limited**
**vs**

**Karl Blundell**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2004, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u wiehed u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm791.75), bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghall-bejgh ta' prodotti, bl-imghaxijiet relattivi, u l-ispejjez legali b'riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta' Ottubru, 2004, fejn intqal illi t-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi l-ammont realment dovut huwa**

**ferm inqas minn dak pretiz fit-talba odjerna kif ser jigi ppruvat waqt il-proceduri ;**
**Illi l-konvenut lanqas m'ghandu jbati spejjez ta' dawn il-proceduri stante illi qabel l-intavolar taghhom l-esponent kien offra dak li huwa realment dovut u l-attur kien irrifjutah.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Jane Camilleri u Karl Blundell.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta` attrici qed tfittex ghall-hlas ta' seba' mija wiehed u disghin lira u hamsa u sebghin centezmu. Il-konvenut qed jghid li l-ammont dovut huwa ferm inqas minn dak mitlub.**

**2. Mix-xhieda ta' Jane Camilleri, Office Manager mas-socjeta` attrici, jirrizulta li fil-fatt l-ammont kellu jitnaqqas ghall-sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm651.43). Inoltre hi rrilevat ukoll li wara verifiki li ghamlet irrizultalha li l-konvenut kien hallas mija u hamsin lira ohra. Ghalhekk wara li ghamlet l-aggustamenti opportuni anke ghal dak li jirrigwarda imghax irrizulta li l-konvenut kellu jaghti s-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm441.45).**

**3. Il-konvenut qed jikkontesta anke dan l-ammont u jghid li ghandu jaghti biss cirka mitejn lira.**

**4. Pero` meta wiehed jezamina d-dokumenti ezebiti Dok.JA1 sa JA28, kif ukoll id-Dok.KB2 sa KB8, jirrizulta li t-talba attrici tirrizulta pruvata fl-ammont ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm441.45).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm441.45) bl-imghaxijiet legali ulterjuri dekorribbli mit-30 ta' Settembru, 2004.**

**Stante illi jirrizulta dak li qal il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu li l-ammont kien ferm inqas minn dak pretiz, u peress li jidher li saru zbalji evidenti ta' kalkolu da parti tas-socjeta` attrici, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------